MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 481/2009

**Carmen Xuereb (ID 384567M), u b`digriet tal-4 ta` Novembru 2013 l-isem inbidel, u sar Carmela Vassallo (ID 384567M)**

***kontra***

**L-Avukat Anton Micallef (ID 660361M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Mejju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi fis-sena 2003, ir-rikorrenti nkarigat lill-intimat bhala avukat taghha fuq ir-rakkomandazzjoni u introduzzjoni ta` certu Maestro Joseph Gatt. Ir-rikorrenti kienet ghadha kif wirtet lil missierha assi sostanzjali u kellha nkwiet ma` zewgha. Hija kienet tmantni lilha nfisha u lill-erbat itfal taghhom ;*

*2. Illi fit-12 ta`Awissu 2004, l-intimat ircieva minghand ir-rikorrenti s-somma ta` Sterlina 725,000, bl-istruzzjonijiet lill-intimat, bhala avukat, fiducjarju u trustee taghha jinvesti dawn il-flus fl-akkwist ta` ishma f`progett f`Malta, maghrufa bhala progett tal-"Metropolis". Illi dan l-investiment gie suggerit lir-rikorrenti mill-istess intimat u li esiga illi huwa u huh Peter Micallef, in kunsiderazzjoni tas-servizzi professjonali futuri taghhom se jkunu ntitolati illi jiehdu ghaxra fil-mija (10%) mill-profitt eventwali tal-investiment taghha. Ir-rikorrenti accettat din il-kundizzjoni ghax assumiet illi b`hekk l-investiment taghha jkun maneggjat minn professjonisti u li dan it-tip ta` arrangament huwa normali. Lanqas ma nkwetat ruhha illi ma saret ebda skrittura li tirrifletti dan ;*

*3. Illi r-rikorrenti giet infurmata biss illi dan l-investiment taghha ser jinzamm fisem l-AVMT Trustees Limited, li taghha l-intimat, l-avukat taghha, huwa direttur. L-intimat kien jaf illi r-rikorrenti kellha l-biza` illi jekk ir-ragel taghha, separat minnha "de facto", isir jaf, dan kien johloqilha problemi. Minhabba dina s-segretezza, ir-rikorrenti strahet totalment fuq il-fiducja li kellha fl-intimat ;*

*4. Illi l-intimat kien informa lir-rikorrenti li l-investiment taghha kien sar u ma sar ebda diskors mod iehor matul is-snin li ghaddew. Gara illi fis-sena 2008, zviluppaw ic-cirkostanzi attribwibbli lill-intimat, li bihom, ir-rikorrenti bdiet titlef il-fiducja cieka li kellha fl-intimat. Damet ix-xhur titlob informazzjoni dwar x`gara minn flusha izda l-intimat baqa` jevita li jiltaqa` maghha u li jirrispondiha ;*

*5. Illi fid-9 ta` Dicembru 2008, l-istess AVMT Trustees Limited u l-intimat gew mitluba, fost assi ohrajn, li jroddu lura dan l-investiment, izda dawn irrifjutaw li jaghmlu dan u naqsu illi jaghtuha sodisfazzjon. Anzi, l-ewwel pass li ghamel l-intimat huwa illi pprova bhala "trustee", l-ghada stess, jerga` "ibiegh" lir-rikorrenti l-ishma fil-"Metropolis", u cioe`, l-istess investiment li kien gia` taghha ;*

*6. Illi f`Jannar 2009, l-intimat beda biex iddikjara illi dan l-investiment kien jappartjeni lil xi klijent tieghu u li ma setax jizvela l-identita` tieghu, izda gimghatejn wara, ammetta li dan il-klijent tieghu kien l-Avukat Peter Micallef, hu l-intimat stess, u ddikjara illi originarjament ir-rikorrenti kienet biss* ***silfet*** *Sterlini 620,000 lill-istess huh, minghajr garanzija, minghajr skrittura, u minghajr imghaxijiet. L-intimat innega kull akkuza ta` konflitt ta` interess jew nuqqas ta` etika jew arti professjonali bhala avukat, jew li mar kontra l-obligazzjonijiet tieghu fiducjarji lejn ir-rikorrenti ;*

*7. Illi fl-4 ta` Frar 2009, ir-rikorrenti kellha tiftah proceduri quddiem il-Qorti ta` Gurisdizzjoni Volontarja sabiex jigi ordnat illi dawn l-ishma fisem AVMT Trustees Limited ma jigux trasferiti minn idejn l-istess ;*

*8. Illi l-intimat imbaghad mistoqsi x`gara mill-kumplament tas-somma globali, u cioe` l-bilanc ta` Sterlini 105,000, iddikjara fis-6 ta` Marzu 2009 illi Sterlini 5,000 marru ghand "habib tieghu" bhala "commission" u li l-bqija, u cioe` Sterlini 100,000 marru fidejn xi haddiehor bhala "premium" ghall-akkwist tal-ishma fil-"Metropolis" u illi dan thallas bhala "lump sum" f`Jannar 2005 ;*

*9. Illi l-intimat aktar tard svela illi l-persuna li hadet il-kummissjoni ta` hamest elef kienet wiehed li jismu Hasan Teoman. Teoman gieli dahal fin-negozju flimkien*

*mal-intimat bhala shab. L-intimat jiggustifika illi dina l-kummissjoni favur siehbu fil-kuntest illi dan kien strumentali li rranga s-self bejn ir-rikorrenti u huh Peter Micallef ;*

*10. Illi fil-21 ta` April 2009, l-intimat allega illi r-rikorrenti kienet taf li kellha thallas dawna l-"commission" u "premium" biex tinvesti fil-progett tal-"Metropolis", waqt illi baqa` jinsisti illi l-investiment ma kienx taghha, imma jappartjeni lil huh stess. L-intimat jaf illi l-investiment inxtara bil-flus esklussivament tar-rikorrenti. Illi fl-istess 21 ta` April 2009, l-intimat ipproduca karta li, skond huwa, kienet baqghet mitlufa u li nstabet fìdejn l-istess Joseph Gatt il-lejl ta` qabel. Illi dina l-karta allegatament turi illi r-rikorrenti kienet awtorizzat il-hlas ta` Sterlini 100,000 fit-18 ta` Jannar 2005, lil xi hadd. Illi l-kontenut ta` din il-karta ma jaqbilx mal-"accounts" li nstabu fÌngilterra waqt investigazzjonijiet li saru f`Marzu 2009 ;*

*11. Illi fl-istess hin l-intimat baqa` jirrifjuta li jisvela min ha l-"premium" ta` mitt elf u rreklama s-sigriet professjonali favur dina l-persuna, u dan fil-presenza tar-rikorrenti u l-avukati taghha, quddiem il-qorti "seduta stante". Illi fis-seduta segwenti tad-19 ta` Mejju 2009, l-intimat ammetta illi dawn thallsu lil huh Peter Micallef ;*

*12. Illi in segwitu tal-investigazzjonijiet f`Ingilterra u f`Malta, sar maghruf illi matul il-perjodu bejn Awissu 2004 sal-lum, IBC Consulting Limited, socjeta` kontrollata u propjeta` tal-intimat personalment, irceviet f`diversi pagamenti mill-flus fdati fìdejn l-intimat is-somma totali ta` madwar Sterlini 127,000. Ma jirrizulta ebda pagament "lump sum" ta` Sterlini 100,000 mill-flus li l-intimat kellu f`idejh fil-kontijiet tal-accountants tieghu, f`ebda hin u f`ebda mument. Dawn l-accountants huma d-ditta Rotherham Taylor, li jokkupaw l-istess ufficcju ma` IBC Consulting Limited, u ma` socjeta` ta` Hasan Teoman, gewwa Londra ;*

*13. Illi, skond id-diversi dikjarazzjonijiet kontradittorji tal-intimat konfrontat bil-fatti li hargu matul dina l-investigazzjoni, il-verzjoni tal-intimat huwa illi kien hallas ghan-nom taghha s-somma ta` Sterlini 105,000 bhala "bank charges u transaction costs", "commission" u "premiums", u cioe`, ghall-privilegg li hadet ir-rikorrenti li tiffinanzja minn flusha l-akkwist tal-ishma fil-"Metropolis" a beneficcju ta` Peter Micallef. Allega wkoll illi huwa kien sodisfatt bhala avukat tar-rikorrenti illi l-istess Peter Micallef se jonora l-kelma tieghu illi jghaddi lilha disghin fil-mija (90%) tal-profitt eventwali tal-investiment "tieghu". Illi l-intimat ammetta li ma ta ebda parir lir-rikorrenti bhala avukat u fiducjarju taghha illi jkun hemm skrittura li torbot lil huh. Illi issa hemm l-ammissjoni recenti li l-intimat hallashom lil huh ;*

*14. Illi fit-3 ta` Frar 2009, l-intimat ghamel dikjarazzjoni miktuba ghall-ewwel darba illi AVMT Trustees Limited illi l-ishma tal-"Metropolis" jappartjenu lil Peter Micallef. Illi sussegwentement, l-istess Peter Micallef, ghamel dikjarazzjonijiet li jikkontradixxu l-verzjoni tal-intimat u dawn saru fil-prezenza ta` nies ohra ;*

*15. Illi l-intimat kiser l-obbligazzjonijiet fiducjarji provenjenti mir-relazzjoni ta` avukat, fiducjarju u trustee u impost fuqu mil-ligi, senjatament id-dettami tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili, u tal-Artikolu 21 tal-Kap. 331 tal-Ligijiet ta` Malta, u bi ksur tal-etika professjonali ;*

*16. Illi l-unika gustifikazzjoni li qed jaghmel l-intimat hija illi huwa personalment ma ha xejn u meta ghadda l-flus ta` 105,000 Sterlina lil huh u lil Hasan Teoman, dan ghamlu dan kollu bil-kunsens verbali tar-rikorrenti, il-klijenta tieghu ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent, prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti :*

*a) Tiddikjara l-intimat responsabbli ghar-rifuzjoni, bhala fiducjarju u trustee, tal-ammont ta` Sterlina 105,000 fdat lilu mir-rikorrenti fit-12 ta` Awissu 2004 ;*

*b) Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-misapproprjazzjoni tal-istess Sterlina 105,000 u imghax fuq l-istess kapital, jew somma verjuri ;*

*c) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-misapproprjazzjoni indebita da parti l-intimat, b`effett mit-12 ta` Awissu 2004 ;*

*d) Tikkundanna lill-intimat ihallas dawn id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.*

*B`riserva ta` kull azzjoni pendenti jew ohra kontra l-intimat, u bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-9 ta` Lulju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni tas-somma ta` Sterlini 105,000 hija preskritta b`preskrizzjoni ta` sentejn a tenur ta` l-Artikolu 2153 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent ma ddispona l-ebda ammont ta` flus tar-rikorrenti minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni taghha.*

*3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent dejjem ta rendikont inkluz tas-somma in kwistjoni lir-rikorrenti u dan fil-prezenza ta` terzi persuni.*

*4. Illi l-intimat ma mmisapproprija l-ebda somma ta` flus, wisq inqas tar-rikorrenti.*

*5. Illi l-intimat qatt ma nhatar jew agixxa bhala trustee tar-rikorrenti u dana billi t-trustee kienet is-socjeta` AVMT (Trustees) Ltd. u di piu`, din is-socjeta` ma kinitx trustee fir-rigward ta` propjeta` mertu ta` din il-kawza.*

*6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti nkluza t-talba ghar-rifuzjoni tas-somma mertu ta` din il-kawza huma frivoli, vessatorji u abbuz ta` l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-kawza giet intavolata in mala fede stante :*

*(a) ir-rikorrenti kienet taf bil-hlas tas-somma in kwistjoni u kienet tat il-kunsens taghha sabiex din is-somma tithallas, u*

*(b) l-avukati konsulenti tar-rikorrenti cioe` Dr. Paul Pullicino u Dr. Max Ganado f`laqgha li kellhom ma` l-intimat u ma` l-avukat Audrey McCormick f`Frar ta` 2009 fl-ufficju legali ta` Ganado & Associates kienu huma stess cioe` l-avukati tar-rikorrenti li nfurmaw lill-intimat li kienet thallset is-somma ta` STG 100,000 u din hija ndikazzjoni cara li r-rikorrenti kienet taf li dik is-somma kienet thallset.*

*Inoltre s-somma ta` STG 105,000 tikkonsisti f`:*

*(i) STG 5,000 li jirraprezentaw, STG 3,100 bank changes ; STG 750 "fiduciary fees" ; u l-bilanc spejjez varji inkonnessjoni ma` l-investiment ta` STG 620,000, u*

*(ii) In kwantu ghas-somma ta` STG 100,000 din kienet kundizzjoni pattwita bejn ir-rikorrenti u l-Maestro Joseph Gatt min-naha wahda u Peter Micallef min-naha l-ohra. Dan in-negozju ma sarx fil-presenza ta` l-intimat. Ghalhekk, is-somma ta` STG 100,000 kienet dik li fil-ligi kummercjali tissejjah "condition precedent" ghall-investiment ta` STG 620,000 u cioe` l-ispiza kapitali totali approvata mir-rikorrenti kienet ta` STG 750,000 kif jirrizulta mir-rendikont moghti lir-rikorrenti fi Frar 2006.*

*7. It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.*

*Inoltre l-eccipjent jiddikjara bil-gurament tieghu :*

*1. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 1 tar-rikors m`humiex kontestati hlief ghall-fatt li l-intimat jaf li t-tifel il-kbir tar-rikorrenti kien jghix ma` missieru sakemm ir-rikorrenti kienet klijenta tieghu.*

*2. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 2 tar-rikors huma skorretti fit-totalita` taghhom. L-intimat ma rceviex fil-pussess tieghu l-ebda somma ta` flus tar-rikorrenti, wisq anqas is-somma ta` STG 725,000. Illi l-intimat qatt ma gie mahtur, u wisq anqas m`agixxa, bhala Trustee tar-rikorrenti u l-anqas bhala Fiducjarju taghha. Illi n-negozju dwar il-progett Metropolis gie miftiehem u nnegozjat minghajr konoxxenza ta` l-intimat. Illi l-intimat gie nfurmat bin-negozju wara li l-ftehim intlahaq bejn il-partijiet ta` dak in-negozju. Gie nfurmat l-ewwel mir-rikorrenti fil-presenza tal-Maestro Joseph Gatt, u sussegwentement, f`okkazjoni separata, minn huh Peter Micallef. Illi l-intimat f`ebda mument, la nforma u wisq anqas irrakkomanda li r-*

*rikorrenti ghandha b`xi mod tinteressa ruhha fil-progett Metropolis. Illi qatt ma ssuggerixxa li huwa, singolarment, jew ma` huh, ghandu jinghata ghaxra fil-mija ta` l-eventwali profitt mill-investiment. Illi l-intimat m`ghandux interessi ekonomici u kummercjali fl-imsemmi progett. Illi hemm kuntratti ffirmati li jirregolaw l-investiment tar-rikorrenti fl-imsemmi progett u li r-rikorrenti ghandha kopja taghhom.*

*3. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 3 tar-rikors huma kontestati fis-sens illi l-intimat qatt ma ssuggerixxa lir-rikorrenti u l-anqas din ma talbitu li s-socjeta` fiducjarja AVMT (Trustees) Ltd. kellha zzomm l-ishma fis-socjeta` TGM Point Ltd., liema socjeta` ghandha madwar ghaxra fil-mija tas-socjeta` Metropolis Developments Ltd. ghan-nom tar-rikorrenti u l-anqas qatt ma gie ddikjarat mill-intimat jew minn AVMT (Trustees) Ltd. lir-rikorrenti li qatt hekk kien sar. Peter Micallef u, sussegwentement, is-socjeta` TGM Point Ltd. ghamlu negozju mar-rikorrenti dwar il-progett ta` Metropolis. Illi r-rikorrenti, stante s-separazzjoni li kienet ghaddejja minn mar-ragel taghha, kienet infurmat lill-intimat, fl-2004, li ma xtaqitx li l-ishma fit-TGM Point Ltd. ikunu propjeta` taghha, u din posizzjoni li r-rikorrenti regghet tennietha bil-gurament fil-proceduri li ghalihom hemm referenza f`paragrafu 7 tar-rikors, u dana ghamlitu numru ta` xhur qabel ma giet intavolata din il-kawza.*

*4. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 4 tar-rikors huma kontestati. Bejn Settembru sa l-ahhar ta` Novembru 2008, ir-rikorrenti talbet inkontru mal-intimat sabiex tinghata rendikont ta` hwejjigha. F`dak il-perjodu ta` tliet xhur, gew iffissati madwar erbgha appuntamenti. Ir-rikorrenti hassret tnejn minn dawn l-erbgha appuntamenti filwaqt illi l-intimat hassar it-tnejn l-ohra minhabba impenji ta` xoghol li kellu barra minn Malta.*

*5. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 5 tar-rikors huma kontestati f`dan is-sens. Illi mhuwiex minnu illi l-intimat*

*gie mitlub mir-rikorrenti fid-9 ta` Dicembru 2008 li jaghti rendikont jew irodd lura xi proprjeta` fil-pussess tieghu tar-rikorrenti. Dik ir-rikjesta saret lil AVMT (Trustees) Ltd. u giet milqugha. Illi l-allegazzjoni kontenuta fl-ahhar sentenza tal-paragrafu 5 hija nfondata u mhux minnha ghax ma kienx il-kaz li l-intimat ghamel xi tentattiv sabiex jikkonkludi ebda bejgh mar-rikorrenti. Inoltre, l-allegazzjoni hija mfassla b`mod sabiex tizvija u dan nonostante illi c-cirkostanzi konnessi ma` din l-allegazzjoni partikolari kienu ilhom illi gew diskussi u mfehma lir-rikorrenti u lill-avukat taghha, Dr. Pullicino, ripetutament matul perjodu mill-inqas tlitt xhur qabel il-presentata ta` dan ir-rikors.*

*6. Il-fatti kif riportati fil-paragrafu 6 tar-rikors huma kontestati fit-totalita` taghhom ghaliex mhumiex fedelment riportati.*

*7. Illi l-intimat m`ghandux osservazzjonijiet x`jaghmel dwar il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 7 tar-rikors hlief li la r-rikorrenti u wisq anqas l-avukati difensuri taghha ma urew xi forma ta` disposizzjoni sabiex jiddiskutu l-materja in kwistjoni, minflok intuzat biss aggressjoni morali, insulti u theddid fil-konfront ta` l-intimat da parte partikolarment ta` l-avukati difensur tar-rikorrenti fil-qadi tal-professjoni taghhom.*

*8. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 8 tar-rikors huma kontestati fis-sens illi m`huwiex minnu illi l-intimat stqarr li STG 5,000 marru ghand habib tieghu bhala commission ghax dan m`huwiex minnu.*

*9. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 9 tar-rikors huma kontestati fit-totalita` taghhom u l-intimat jichad kategorikament li qatt stqarr dak li hemm rapportat f`dan il-paragrafu. Illi Teoman huwa habib u persuna ta` fiducja tal-intimat u mhux shab fin-negozju mal-intimat. Illi f`2004 il-Maestro Gatt, fil-presenza tar-rikorrenti, talab lill-intimat*

*jiddentifika bniedem ta` fiducja tal-intimat u li preferibbilment, mhux ta` cittadinanza Maltija, sabiex jagixxi bhala fiducjarju tar-rikorrenti fir-rigward tal-investiment tas-somma ta` STG 620,000 fil-Metropolis. Illi l-intimat informa lir-rikorrenti u lil Maestro Gatt f`wahda mid-diversi laqghat illi kellu maghhom lejn l-ahhar tas-sena 2004, li kien identifika lil Hasan Teoman u galadarba Teoman kien ta` fiducja ghall-intimat, kwindi kien accettabbli ghar-rikorrenti u l-Maestro Gatt.*

*L-intimat jixtieq jenfasizza illi r-rikorrenti, matul il-perjodu 2003 sal-ahhar tal-2008, cioe` kemm damet klijenta tieghu, qatt, salv b`via eccezzjonali, hadet xi decizjoni li tikkoncerna l-amministrazzjoni u l-investiment tal-beni taghha minghajr ma l-ewwel kellha l-kunsens u l-bendizzjoni tal-imsemmi Maestro Joseph Gatt.*

*10. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 10 tar-rikors huma kontestati f`dan is-sens. Illi f`laqgha bejn l-intimat, akkompanjat mill-Avukat Audrey Mc Cormick, u l-Avukati Paul Pullicino u Max Ganado, it-tnejn konsulenti legali tar-rikorrenti, liema laqgha saret fil-bidu ta` Frar 2009 fl-ufficcji ta` Ganado & Associates, kien l-Avukat Pullicino stess li, di suo spunto, talab lill-intimat jikkonfermalu li fil-fatt kienet thallset (u mhux giet misapproprijata) s-somma ta` STG100,000 bhala commission lil Peter Micallef. L-intimat wiegeb billi talab zmien sabiex jivverifika jekk dan kienx il-kaz. Dana jindika bl-aktar mod car illi mhux biss ir-rikorrenti kienet konsapevoli tal-hlas tas-somma, mertu ta` din il-kawza, izda sahansitra kienet infurmat dan lill-avukati taghha mill-anqas erba` xhur qabel ma giet intavolata din il-kawza. Illi l-intimat ghandu fil-pussess tieghu rendikont bil-miktub tal-flus tar-rikorrenti fil-munita Sterlina li kienu ntefqu f`investimenti kapitali diversi u fi spejjez ohra, bl-awtorizzazzjoni tal-istess rikorrenti, fil-perjodu 12 ta` Awissu 2004 sal-perjodu 27 ta` Frar 2006. Illi dan ir-rendikont bil-miktub inghata mill-intimat lir-rikorrenti u lil Maestro Gatt, u liema rendikont kien gie diskuss fl-ufficcju legali tal-istess intimat. Ir-rendikont kien gie approvat mir-rikorrenti li kienet tat istruzzjonijiet fl-*

*istess laqgha lill-imsemmi Maestro Gatt sabiex dan izomm fil-pussess tieghu l-istess rendikont ghan-nom taghha. Illi dan ir-rendikont jirrigwarda biss somom ta` flus li r-rikorrenti kienet awtorizzat li jigu nvestiti fil-perjodu in kwistjoni u li ma jirrigwardax somom ohra li r-rikorrenti kellha fil-perjodu in kwistjoni u li kienu ghadhom ma gewx investiti.*

*11. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 11 tar-rikors huma kontestati fis-sens illi x-xhieda illi l-intimat ta fil-proceduri msemmija fil-paragrafu 7, u partikolarment fis-seduta ta` 19 ta` Mejju 2004, inghatat fuq istruzzjonijiet u direzzjoni ta` dik l-istess Qorti.*

*12. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 12 tar-rikors huma kontestati. Illi IBC Consulting Ltd. mhijiex propjeta` personali tal-intimat. Illi Hasan Teoman ma jiffurmax parti mill-ufficju gewwa Londra ta` IBC Consulting Ltd. Illi d-ditta Rotherham Taylor tutilizza l-indirizz tal-ufficcju IBC Consulting Ltd. biss bhala 'mailing address' u m`ghandha ebda presenza ohra fizika fl-ufficcju ta` IBC Consulting Ltd. Illi r-rikorrenti, fuq parir tal-intimat, kienet hi stess li hatret bil-miktub id-ditta tal-accountants Rotherham Taylor. Illi l-intimat kien ta dan il-parir lir-rikorrenti ghaliex huwa ma xtaqx illi jamministra l-flus tal-istess rikorrenti u fil-fatt hekk sehh. Il-flus tar-rikorrenti kienu jinzammu fil-'clients account' tad-ditta Rotherham Taylor u dawn kienu jintefqu fuq istruzzjonijiet li kienu jinghatghu f`kull kaz, mir-rikorrenti, jew direttament lid-ditta Rotherham Taylor, jew tramite l-intimat. Illi l-Avukat Paul Pullicino, ghan-nom tar-rikorrenti, inghata rendikont li tinkludi s-somma ta` STG 127,000 li ghaliha hemm riferenza fil-paragrafu 12 tar-rikors. Illi dan l-Avukat difensur tar-rikorrenti gie kortezement mistieden diversi drabi sabiex ipoggi madwar mejda fejn l-imsemmija cifra tigi spjegata, izda l-imsemmi Avukat irrifjuta li jaghmel dan minn Jannar 2009 sal-lum, u minn Dicembru 2008 sa llum gab ruhu, fil-konfront tal-intimat, b`mod aggressiv, ftit li xejn professjonali, b`arroganza, b`theddid, u sahansitra xerred xnighat fil-pubbliku dwar l-intimat permezz ta` kummenti u*

*osservazzjonijiet ingurjuzi. Huwa x`aktarx, unikament responsabbli ghal fatt illi r-rikorrenti ghadha ma nghatatx udjenza xierqa f`ambjent professjonali fejn jistghu jsiru spjegazzjonijiet dwar id-diversi investimenti illi ghamlet meta l-intimat kien il-konsulent legali taghha.*

*13. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 13 tar-rikors m`humiex korretti fit-totalita` taghhom kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u kif ukoll fis-sens illi l-intimat jixtieq jippreciza illi kien iddiskuta diversi soluzzjonijiet mar-rikorrenti fil-presenza tal-Maestro Gatt sabiex id-dritt ghad-disghin fil-mija tal-eventwali profitti mill-progett Metropolis ikun salvagwardat a beneficcju tar-rikorrenti, izda ebda soluzzjoni suggerita ma kienet accettabbli ghal xi raguni jew ohra mir-rikorrenti u l-Maestro Gatt.*

*14. Il-fatti ddikjarati fil-paragrafu 14 tar-rikors huma kontestati fis-sens illi l-intimat m`huwiex edott mill-fatt illi Peter Micallef ghamel xi dikjarazzjoni li huwa m`huwiex il-beneficjarju tal-ishma TGM Point Ltd.*

*15. L-allegazzjoni riportata fil-paragrafu 15 tar-rikors hija kkontestata fit-totalita` taghha u hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*16. Kif riportat fil-paragrafu 16, huwa minnu li l-intimat ma mmisappropprijax is-somma ta` STG 100,000. Illi s-somma ta` STG 5,000 ghaddihom lil Teoman sabiex dan ikun jista` jhallas STG 3,100 lill-bank bhala charges u fees pattwiti mal-istess Teoman u approvati mir-rikorrenti skond ftehim iffirmat bejn ir-rikorrenti ghan-nom tas-socjeta` Solomon Investments Ltd. u Hasan Teoman et datat 11 ta` Jannar 2005.*

*17. Illi l-intimat gie mgharraf bis-somma ta` STG 100,000 mertu ta` din il-kawza mir-rikorrenti u mill-Maestro Gatt f`laqgha bejn it-tlieta li huma biss, fl-ufficcju*

*legali tal-intimat lejn l-ahhar tas-sena 2004, bhala 'condition precedent' ghall-investiment ta` STG 620,000 fil-progett ta` Metropolis u cioe` l-intimat, kellu istruzzjonijiet cari u kategorici illi qabel, jew kontemporanjament mal-investiment tas-somma STG 620,000, kellha tithallas is-somma ta` STG 100,000 bhala premium. F`dik il-laqgha kien pacifiku li s-somma ta` STG 100,000 kellha tithallas.*

*18. Illi fil-perjodu minn wara din il-laqgha fl-ahhar tal-2004 sa Dicembru 2008, ghalkemm kienu jsiru diversi laqghat regolarment bejn ir-rikorrenti, il-Maestro Gatt, u l-intimat anke dwar l-andament tal-progett Metropolis, qatt, lanqas f`okkazjoni wahda, ma kien hemm xi tip ta` diskussjoni jew riferenza jew xi lament da parte tar-rikorrenti dwar is-somma ta` STG 100,000. Jigifieri li din is-somma qatt ma regghet giet diskussa jew iffurmat parti minn xi diskussjoni fil-laqghat bejn ir-rikorrenti, il-Maestro Gatt, u l-intimat, matul il-perjodu kollu illi fih ir-rikorrenti kienet klijenta tal-intimat.*

*19. Illi l-mertu ta` dan ir-rikors huwa frivolu, vessatorju, promoss in mala fede, u l-kawza hija ntiza biss sabiex tipprova thammeg l-integrita` u r-reputazzjoni tal-intimat bil-hsieb uniku li ggieghlu jhallas is-somom ta` flus li m`humiex dovuti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Av. Paul Pullicino u d-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda tal-attrici fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut u tal-Av. Audrey Mc Cormick, u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-dikjarazzjoni tax-xhud Hasan Teoman li kienet prezentata fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2009.

Rat in-nota tal-attrici prezentata fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2009 fejn kienet indikata r-rata tal-kambju bejn il-Lira Maltija u l-Lira Sterlina fit-18 ta` Jannar 2005.

Semghet il-kontroezami tal-Av. Audrey Mc Cormick fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2009.

Rat id-dokumenti illi l-attrici pprezentat b`nota fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010.

Semghet il-kontroesami tal-konvenut fl-udjenzi tas-17 ta` Novembru 2009 u tal-1 ta` Marzu 2010.

Semghet lill-Av. Paul Pullicino jiddikjara fl-udjenza tat-3 ta` Gunju 2010 illi ma kienx se jibqa` jippatrocina lill-attrici.

Semghet lill-Av. Charisse Ellul tiddikjara fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2011 illi hija kienet qeghda tassumi l-patrocinju tal-attrici minflok l-Av. Paul Pullicino.

Rat in-nota tal-Av. Paul Pullicino tal-14 ta` Frar 2011 fejn irrinunzja ghall-patrocinju tal-attrici.

Semghet il-kontroezami tal-attrici u x-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2011.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet li saru bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-Av. Charisse Ellul tas-6 ta` Frar 2013 fejn irrinunzjat ghall-patrocinju tal-attrici.

Rat in-nota tal-Av. Kathleen Mizzi prezentata fil-5 ta` Settembru 2013 fejn iddikjarat li kienet qeghda tassumi l-patrocinju tal-attrici.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Settembru 2013 fejn cahdet it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tieghu tal-21 ta` Awissu 2013 fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iressaq provi ohra.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Novembru 2013 fejn laqghet it-talba tal-attrici kif dedotta fir-rikors taghha tat-18 ta` Ottubru 2013 sabiex isimha fl-occhio tal-kawza jinbidel minn Carmen Xuereb (ID 384567M) ghal Carmela Vassallo (ID 384567M).

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**Av. Paul Pullicino** xehed illi l-attrici kienet avvicinat lil Dr Max Ganado u lilu fl-ahhar ta` Novembru 2008 fejn ilmentat illi l-l-konvenut kien l-avukat u 'trustee' taghha u ma riedx jaghtiha sodisfazzjon tal-flus li kienet fdat f`idejh. Sostniet illi ma kellhiex karti fil-pussess taghha, u li kienet xtrat sehem fil-progett Metropolis permezz tal-konvenut u ta` huh. Skond l-attrici, il-konvenut u huh kellhom jiehdu 10% tal-profitti li hi kienet sejra taghmel meta l-progett jitlesta, u dana bhala hlas ghax kienu ser ikunu 'trustees' taghha.

Kompla jixhed illi Dr Ganado u hu tawha parir biex tahtar 'trustee' gdid u li l-konvenut jigi avzat biex jghaddi kollox lilhom. Dan sar fid-9 ta` Dicembru 2008. Fl-10 ta` Dicembru 2008, huwa kien infurmat li l-konvenut kien qed jipprova jerga` jbiegh dan l-investiment indirettament lill-attrici. Minn qari ta` dokumenti li kien rcieva, ix-xhud osserva illi l-investiment f`Metropolis Development Ltd kien sar tramite kumpannija TGM Point Ltd li taghha Peter Micallef kien direttur u AVMT Trustees kienet azzjonista. Huwa talab lill-konvenut biex jikkonferma li TGM Point Ltd kellha beni tal-attrici izda l-konvenut sostna li TGM Point Ltd ma kellha l-ebda konnessjoni ma` l-attrici . Il-konvenut qallu wkoll li huwa qatt ma kien fiducjarju ta` flus jew proprjeta` ta` l-attrici.

Dr Pullicino insista mal-MFSA sabiex il-konvenut joqghod mal-obbligu tieghu li jghaddi l-investiment ta` Metropolis lit-trustees il-godda. Wara spezzjoni li saret fis-17 ta` Dicembru 2008, irrizulta li l-konvenut kien baqa` ma ghadda xejn mid-dokumenti dwar Metropolis. Fl-14 ta` Jannar 2009, huwa sar jaf waqt laqgha li saret bejn il-konvenut u t-trustees il-godda li l-konvenut kien ippropona 'sua sponte' li jhallas lill-attrici €510,000 u uza l-kelma 'reimburse', jekk l-attrici tiffirma dokument fejn tiddikjara li hi ma ghandha xejn x`taqsam ma` Metropolis jew ma` TGM. Il-konvenut ma riedx jispjega ruhu aktar izda qal li

jekk l-attrici ma taccettax ser ikun hemm konsegwenzi. Dik l-informazzjoni tatha lilu Dr Nicolette Vella.

Ix-xhud fisser illi f`nofs Jannar 2009, huwa ltaqa` ma` Dr Audrey McCormick li hija ko-direttur ta` AVMT Trustees u l-avukat ta` AVMT Advocates u staqsiha min kien l-beneficial owner ta` Metropolis izda hija kienet irrispondiet li ma setghetx tghaddi dik l-informazzjoni minhabba sigriet professjonali. Fit-22 ta` Jannar 2009, l-attrici talbet lill-konvenut sabiex bhala avukat taghha jirrilaxxja l-karti taghha. Huwa rcieva zewg box files li fihom ma kien hemm xejn dwar l-investiment in kwistjoni izda sab invoice ta` ditta Rotherham Taylor ghal servizzi professjonali ta` accounting ghall-kumpanija Solomon Investments and Assets Ltd. L-attrici kienet sa dakinhar biss kapaci tghidlu li l-flus taghha kienu marru go kumpanija li l-konvenut kien inkorpora fl-Ingilterra u li kien jisimha xi haga b`‘Solomon’. Kien ghalhekk li huwa beda jikkomunika direttament ma` Rotherham Taylor.

Ix-xhud spjega illi l-inkariku professjonali ta` AVMT Trustees Ltd u l-inkariku professjonali tal-konvenut kien terminat fid-9 ta` Dicembru 2008 u fit-22 ta` Jannar 2009 rispettivament.

Xehed illi fl-ewwel laqgha li saret mal-konvenut fid-29 ta` Jannar 2009, kienu prezenti Dr Max Ganado u Dr Audrey McCormick. Fil-laqgha, il-konvenut tkellem dwar l-investiment ta` Metropolis izda fl-ebda mument ma semma pagament jew figura ta` STG 100,000. Il-konvenut semma biss somma ta` STG 5,000 li hadhom habib tieghu bhala commission. Kienet f`dik il-laqgha li l-konvenut ghall-ewwel darba zvela li l-beneficial owner ta` TGM Point Ltd / Metropolis kien huh Peter Micallef u li kienu l-flus ta` l-attrici li esklussivament intuzaw fl-akkwist ta` l-investiment ta` Metropolis. Il-konvenut qal li l-ammont ta` STG 620,000 gew mislufa lil huh u li dan kien il-prezz ta` l-akkwist. Huwa talab lill-konvenut sabiex jurih l-iskrittura ta` self izda l-konvenut qallu li ma kienx hemm.

Mitlub jispjega ghala ma kenitx saret skrittura, il-konvenut wiegeb illi dak kien zball min-naha tieghu. Il-konvenut talbu jaghtih gimgha zmien biex jibghat reconciliation tal-flus ta` l-attrici. Din baqghet ma waslitx u meta hu rega` talabha, il-konvenut talab li ssir laqgha ohra.

Dr Pullicino kompla jixhed li fit-3 ta` Frar 2009, il-konvenut iffirma dikjarazzjoni bhala AVMT Trustees fis-sens li l-beneficial owner ta` TGM Point Ltd kien Peter Micallef u din kien ghaddieha lill-MFSA. Fl-4 ta` Frar 2009, l-attrici pprezentat rikors fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) sabiex l-investiment, TGM Point Ltd, bhala "trust asset" ma jigix trasferit mill-AVMT Trustees sakemm jigi deciz illi dan huwa taghha. Fid-data tal-presentata tar-rikors, huwa ma kienx edott bil-kwistjoni ta` STG 100,000.

Xehed illi fit-tieni laqgha li saret fid-9 ta` Frar 2009, huwa inghata izjed informazzjoni dwar investimenti ohra, izda s-somma ta` STG 100,000 ma ssemmietx. Fil-laqgha kienu prezenti hu, il-konvenut u Dr McCormick. Il-konvenut ta informazzjoni dwar 'Solomon'. Kompla jghid li minn Londra, Barclays Bank kienet baghtitlu xi dokumenti tal-2004. Fit-3 ta` Marzu 2009, huwa tkellem bit-telephone ma` Simon Cox ta` Rotherman Taylor. Dan qallu li huma dejjem hadu struzzjonijiet dwar hlasijiet ta` flus ta` 'Solomon' minghand il-konvenut biss. Ghax-xhud dik kienet konferma ta` dak li kien kiteb il-kap tad-ditta, Michael Barton, meta f`ittra tat-23 ta` Frar 2009, spjega li l-konvenut kien "the point of contact for the client with our firm.".

Kompla jfisser illi kien biss fis-6 ta` Marzu 2009 illi l-konvenut baghat notament fejn ghall-ewwel darba semma figura ta` STG 100,000 bhala "transaction cost". Huwa talab lill-konvenut biex jispjega x`kienet dik il-figura. Fit-13 ta` Marzu 2009, il-konvenut baghtlu notament fejn qal li s-somma kienet thallset lump sum, li l-attrici kienet taf biha, u li kienet approvatha meta sar l-investiment fil-Metropolis. Meta hu mbaghad tkellem mal-attrici, din qaltlu li ma

kienet taf xejn dwarha. Fit-13 ta` Marzu 2009, huwa rcieva minghand Rotherham Taylor “statement of account” taghhom ta` ‘Solomon’. Fid-dokument ma kienet tidher l-ebda somma wahda ta` STG 100,000 izda biss diversi pagamenti lil IBC li fit-total taghhom kienu jersqu lejn dik is-somma. Mid-dokumenti li kien ircieva minghand Barclays Bank, huwa sab ittra tal-11 ta` Awissu 2004 b`letterhead tal-kumpannija IBC Consulting Limited. Minn ricerka li ghamel, irrizulta li dik kienet socjeta` registrata fl-Ingilterra fejn AVMT Trustees Limited kienet azzjonista u l-konvenut kien direttur.

Kompla jghid illi fl-udjenza tal-21 ta` April 2009 quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), il-konvenut, ghalkemm kien mistoqsi taht gurament, irrifjuta li jirrispondi dwar min kien ha l-STG 100,000 billi nvoka s-sigriet professjonali. Il-konvenut ipprezenta karta li skond il-konvenut kienet instabet fil-pussess ta` Maestro Gatt il-lejl ta` qabel, liema karta kienet rendikont li huwa allegatament wera lill-attrici fl-2006. Fid-dokument kien hemm indikata dik is-somma ta` STG 100,000. Sussegwentement, ix-xhud spjega li l-konvenut kien zvela fid-19 ta` Mejju 2009, li dawk il-flus kien hallashom lil huh Peter Micallef u li l-attrici kienet taf u kienet approvat dak il-hlas. Fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) xehed Peter Micallef izda dan qatt ma semma dik is-somma.

Dr Pullicino fisser illi huwa sar jaf bis-somma ta` STG 5,000 mill-konvenut fil-laqgha tad-29 ta` Jannar 2009, u bis-somma ta` STG 100,000 fis-6 ta` Marzu 2009 mill-istess konvenut. Skond ix-xhud, din l-ahhar somma thallset lil hu l-konvenut ; hekk irrizulta mix-xiehda tal-konvenut fis-seduta tad-19 ta` Mejju 2009. Imbaghad fis-seduta tat-30 ta` Lulju 2009, ingieb b`arrest biex jixhed il-Maestro Gatt ; dan xehed illi huwa ma kienx jaf jispjega il-STG 100,000. Qal illi l-prezz miftiehem ghall-investiment tal-Metropolis kien ta` STG 725,000 u mhux ta` STG 620,000.

Ix-xhud kompla jghid illi r-rendikont ta` Rotherham Taylor li ntbaghat lilu fit-13 ta` Marzu 2009, kien biss lista ta` pagamenti *in* u *out* mill-accountants tal-konvenut. Il-lista nkisbet wara li l-konvenut kien investigat mill-MFSA u wara li akkuzat b`misapproprijazzjoni. Ix-xhud ikkonferma illi wara Dicembru 2008, huwa baqa` f`kuntatt mal-MFSA Compliance Unit u ghadda lill-Unit kopja tad-dokumenti u zammhom aggornati b`li kien qed jigri.

Huwa cahad illi fil-laqgha ta` Frar 2009, huwa jew Dr Ganado kienu talbu lill-konvenut dwar is-somma ta` STG 100,000. Ikkonferma illi sar jaf b`dik il-figura fis-6 ta` Marzu 2009. Kien f`April 2009 li l-figura bdiet tissemma bhala premium jew commission. Finalment huwa sostna li mill-informazzjoni li gab minn Barclays Bank, Rotherham Taylor u mill-konvenut, fit-12 ta` Awissu 2004, is-somma ta` STG 750,000 giet zbankata mill-kont tas-`Solomons` fil-Barclays Bank kontra l-firma tal-konvenut u giet depozitata f`kont bankarju ta` Rotherham Taylor. Rotherham Taylor kellhom kontroll esklussiv u personali fuq dawk il-flus. Dawn l-accountants kienu juzaw l-istess ufficju tal-konvenut gewwa Londra u qatt ma kienu trustees ta` l-attrici.

**L-attrici** xehdet illi hija saret taf l-ewwel darba bis-somma ta` STG 100,000 minghand Dr Paul Pullicino. Kienet prezenti waqt il-process quddiem l-Imhallef Gino Camilleri li kien jitratta TGM Point Limited. Kien waqt is-seduta li saret taf li dik is-somma kienet thallset lil hu l-konvenut. Il-flus kienu taghha. Il-konvenut kien ilu l-avukat taghha sa mill-2002. Il-flus li ntuzaw ghax-xiri fil--Metropolis gew mill-flus taghha li kellha go kont bankarju li kien ta` liri sterlini mal-Barclays. Il-flus kienu wirt ta` missierha u kienu fil-Barclays Trustees. Minn hemm parti mill-flus marru ghall-Metropolis. Hi ma ghamlet xejn biex il-flus jiccaqilqu izda kien il-konvenut li ghamel kollox. Il-konvenut kien qalilha verbalment li ha l-flus minn hemm u li kien uzahom biex jixtru share fil-Metropolis. Ma tafx kif ghaddew il-flus. Hija tat struzzjonijiet lill-konvenut sabiex

ghall-progett tal-Metropolis jiehu l-flus mill-kont ta` Barclays Trustees.

Kompliet tixhed illi ffirmat xi karti u li kienet kuntenta bl-investiment. Ikkonfermat li l-flus li kien hemm f`Barclays Trustees kienu gew trasferiti f`Solomon, li kienet kumpanija li giet iffurmata fl-Ingilterra. Sostniet li din il-kumpanija hija taghha. Qalet li ma tafx kif ghaddew il-flus mill-kumpanija Solomon ghal Malta. Taf li ffirmat karti dwar Solomon. Hija nkarikat lil Dr Paul Pullicino fl-ahhar ta` Novembru 2008. Meta Dr Pullicino talabha dokumenti, hi ma setghet taghtih xejn ghax ma kellha xejn. Hija qatt ma talbet dokumenti lill-konvenut hlief tramite Dr. Pullicino. Il-konvenut qatt ma qalilha xejn wara li ghaddew il-flus tal-Metropolis.

Fil-**<u>kontroezam</u>**i, l-attrici kkonfermat li dwar il-progett tal-Metropolis hija kienet dejjem tkellmet mal-konvenut u ma` Maestro Gatt. Ma tafx meta dahal fil-kwistjoni hu l-konvenut Peter Micallef. Hija baqghet isostni li qatt ma tkellmet ma` Peter Micallef privatament. Peter Micallef kien imdahhal fil-ftehim tal-Metropolis u li hija dejjem iddiskutiet kollox fil-prezenza tal-konvenut. Il-ftehim sar ma` Peter Micallef tant li l-kumpanija kienet tieghu. Biex sar l-akkwist tas-sehem tal-Metropolis, l-investiment kien ta` STG 725,000. Hija ma kenitx rat id-dokument esebit a fol 55. Rat dak id-dokument ghall-ewwel darba fil-procedura tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja). Dak id-dokument qatt ma nghata lilha ghalkemm ma tafx jekk qattx inghata lil Maestro Gatt.

L-attrici sostniet li ma tafx jekk il-handwriting li hemm fuq id-dokument a fol 53 hijiex tal-Maestro Gatt. Hija kienet tmur ghand il-konvenut ma` Maestro Gatt. Dan gieli mar wahdu. Waqt li kien qed jigi diskuss il-progett tal-Metropolis, Maestro Gatt kien jkun hemm prezenti u kien qed jaghtiha pariri u assistenza. Il-flus li ghaddew permezz tal-konvenut kienu STG 725,000. Il-konvenut naqas fil-konfront taghha ghax saret taf illi STG

105,000 mill-STG 725,000 ma ntuzawx ghall-progett. Mistoqsija mill-Qorti ghalfejn saret din il-kawza jekk il-flus li nhargu kienu kollha skond dak li gie miftiehem, l-attrici sostniet li STG 105,000 kienu nhargu ghal spejjez u mhux ghall-progett. Mistoqsija ghalfejn qed titlob dawn il-flus lill-konvenut u mhux lil Peter Micallef, l-attrici sostniet illi l-konvenut kien qed imexxi l-flus taghha u jiehu hsieb l-affarijiet taghha. Meta hargu l-STG 105,000 ma kenitx taf bihom. Ghalhekk il-konvenut ghamel dak li ma kienx awtorizzat jaghmel.

**Av. Audrey Mc Cormick** xehdet illi hija tahdem bhala avukat fl-ufficcju legali tal-konvenut. Mill-1 ta` Gunju 2005, saret direttur tas-socjeta` AVMT (Trustees) Ltd, socjeta` awtorizzata mill-MFSA biex tipprovdi servizzi lill-pubbliku skond l-Art 43 tat-Trusts u Trustees Act. L-attrici kienet beneficjarja ta` trust bl-isem Progen Trust li twaqqaf fid-29 ta` Settembru 2005 ; AVMT (Trustees) Ltd kienet l-uniku trustee ta` l-Progen Trust. Fid-9 ta` Dicembru 2008, AVMT (Trustees) Ltd tnehhiet minn trustee permezz ta` ittra li rceviet minghand in-Nutar Nicolette Vella, protector ta` Progen Trust.

Kompliet tixhed illi f`Jannar 2009, fuq talba tal-konvenut, hija attendiet ghal laqgha flimkien mal-konvenut fl-ufficcji tal-Avukati Max Ganado u Paul Pullicino. Fil-laqgha kienu diskussi hwejjeg li jirrigwardaw l-attrici. Kien waqt dik il-laqgha li semghet ghall-ewwel darba minghand Dr Pullicino li kienet thallset somma flus bhala `commission` fil-progett tal-Metropolis. Tiftakar lil Dr Pullicino jghid lill-konvenut kliem fis-sens li kien sar xi pagament bhala `commission` u li din x`aktarx kienet thallset lilu jew lil huh. Ghal dan, il-konvenut wiegeb li ma kienx edott mill-fatti izda li kien ser jaghmel stharrig u jinformah, kif fil-fatt ghamel.

Ix-xhud ikkjarifikat ix-xiehda illi tat fid-19 ta` Mejju 2009 fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) billi qalet illi fid-deposizzjoni taghha dakinhar

hija kienet qeghda tirreferi ghal laqgha li attendiet mal-konvenut u ma` Dr Pullicino fi Frar 2009. Din kienet laqgha li saret wara l-ohra li saret f`Jannar 2009 u fejn il-konvenut ikkonsenja d-dokumenti li kienu jappartjenu lis-socjetajiet esteri ta` l-attrici. Fil-laqgha ta` Frar 2009, Dr Max Ganado ma kienx prezenti. Dr Ganado kien prezenti fil-laqgha ta` Jannar 2009.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud iccarat ix-xiehda taghha meta qalet illi hi qatt ma kienet l-avukata ta` l-attrici. Meta marret ghall-laqgha li rreferiet ghaliha, hija kienet qeghda takkumpanja lill-konvenut sabiex tkun xhud ta` li jsir. Fl-ufficcju legali tal-konvenut, gieli jaghmel xi xoghol Dr Gera De Petri. Hu l-konvenut u cioe` Dr Peter Micallef iggradwa fl-istess sena taghha bhala avukat. Huwa ghandu l-ufficcju fl-istess blokk. Kemm kien ilu gradwat bhala avukat, Dr Peter Micallef qatt ma hadem bhala avukat. L-ufficcju ta` Dr Peter Micallef ghandu bieb ghalih ; il-kamra minn fejn jahdem mhijiex adjacenti ghall-ufficcju tal-konvenut.

Dr Mc Cormick xehdet illi hi ma taf xejn dwar il-kumpanija Solomon Investments peress li din ma taqax taht il-kappa tat-Trustees li propjament kien l-inkariku taghha. Ikkonfermat li kellha laqghat ma` l-attrici dwar trust u li attendiet laqgha wahda ftit qabel ma` tnehhiet minn trustee dwar wirt li l-attrici riedet thalli. Hija cahdet li fil-laqgha ta` Jannar 2009, ma kenitx issemmiet il-kwistjoni ta` l-`commission`. Tiftakar okkazjoni fejn issemma li l-attrici kienet qed tallega li l-ftehim kien li Dr Peter Micallef joqghod direttur fil-Metropolis u jiehu hsieb l-affarijiet u mbaghad fl-ahhar meta jsir il-profitt, l-ahwa Micallef kienu ser jiehdu 10% ta` dak il-profitt bhala commission. Liema kienet il-laqgha fejn inghad dan kollu ma ftakritx.

Ix-xhud tghid li ma tiftakarx li l-konvenut qal kliem fis-sens li STG 5000 kienu nghataw lil habib tieghu. Issostni li s-somma ta` STG 100,000 ma ssemmiet qatt fil-laqgha. Lanqas ma ssemma xi ftehim bhala condition

precedent. Fil-laqgha ta` Frar 2009, Dr Pullicino staqsa dwar l-ammont li kien thallas bhala commission. Il-konvenut talab li jinghata l-opportunita` li jfittex u jiddokumenta kollox, kif fil-fatt ghamel. F`dik il-laqgha, saret referenza ghall-premium. Meta kien prezenti Dr Pullicino, il-laqghat ma kienux kordjali. Fil-laqgha ta` Jannar 2009, Dr Pullicino uza ton aggressiv mal-konvenut.

Xehdet li taf bil-kumpanija IBC Consulting Limited. Din hija kumpanija fejn AVMT Trustees hija l-unika azzjonista. L-uniku direttur ta` IBC Consulting Limited huwa l-konvenut.

Fir-**riezami**, Dr Mc Cormick qalet li ghall-ewwel laqgha kienu prezenti hi, l-konvenut, Dr Pullicino u Dr Ganado. Il-laqgha saret fil-board room ta` Ganado & Associates. It-tieni laqgha saret fl-ufficcju ta` Dr Pullicino ; kienu prezenti hi, l-konvenut u Dr Pullicino. Ipprecizat illi dwar il-commission kienet saret biss domanda fl-ewwel laqgha. Tiftakar lill-konvenut jghid li hu ma kienx jaf b`xi commission jew b`xi dettalji ta` xi commission. Fit-tieni laqgha, il-konvenut kien jaf aktar fatti milli kien jaf fil-laqgha ta` qabel u gab mieghu d-dokumenti.

Fix-xiehda tieghu, **il-konvenut** cahad li kien immisapproprija ruhu minn flus ta` xi hadd, inkluz l-attrici.

Spjega illi s-somma ta` STG 100,000 kienet miftehma bejn huh Dr Peter Micallef u l-attrici stess fil-presenza ta` Maestro Joseph Gatt fl-2004. Kienet l-attrici li nfurmatu fil-presenza ta` Maestro Gatt li s-somma ta` STG 100,000 kienet miftehma ma` Dr Peter Micallef bhala parti mill-konsiderazzjoni li l-attrici kellha thallas biex tippartecipa fil-progett tal-Metropolis. Kienet l-attrici li awtorizzat lilu sabiex jaghti struzzjonijiet lid-ditta ta` awdituri Inglizi li kellhom il-flus ta` l-attrici, cioe` Solomon Investments Assets Ltd fil-clients account taghhom sabiex

dawn jaddebitaw is-somma ta` STG 100,000 kif wkoll is-somma ta` STG 625,000. Is-somma ta` STG 625,000 kienet maqsuma in kwantu ghal STG 620,000 bhala l-kapital ta` l-investiment fil-Metropolis u in kwantu ghal STG 5,000 kellha tithallas in kwantu ghal STG 3000 bhala Denizbank A G Fixed Amount Loan Fee, STG 750 bhala fees dovuti lil Hasan Teoman, STG 750 bhala fees dovuti lill-kumpannija estera ta` Hasan Teoman u cioe` T & P Trading & Management Consulting skond skrittura ffirmata ma` Solomon fil-11 ta` Jannar 2005 u l-bilanc li thallas minn Teoman fl-2006 bhala akkont tas-somma ta` STG 3000 dovut lill-bank li ghamel is-self.

Il-konvenut qal illi l-flus li l-attrici kellha fl-isterlina qatt ma kienu go kont il-bank f`isimha izda kien f`isem il-kumpanija Solomon. Sakemm dan hu l- avukat taghha, l-attrici kienet l-uniku direttur ta` Solomon u l-unika firmatarja fuq il-kont bankarju ta` Solomon mal-Barclays Bank plc. F`Marzu 2006 huwa ta rendikont bil-miktub lill-attrici fil-prezenza ta` Maestro Gatt tal-flus li kienu jappartjenu lil Solomon. L-original tar-rendikont kien jinsab ghand Maestro Gatt. Minn dak id-dokument kienet tirrizulta s-somma ta` STG 100,000. Hemm riportat li thallset fit-18 ta` Jannar 2005 u cioe` l-istess data li fiha thallset is-somma ta` STG 625,000 lill-bank Awstrijak bl-isem Deniz Bank AG. Dan kien il-bank li hemm riferenza ghalih fl-iskrittura bl-isem Fiduciary Agreement.

Il-konvenut kompla jixhed li r-rendikont kien verbalment awtorizzat mill-attrici fil-prezenza ta` Maestro Gatt fl-ufficcju tal-konvenut go San Giljan. L-attrici kienet talbet lil Maestro Gatt biex izomm ghandu dak id-dokument. L-attrici u Maestro Gatt kienu staqsewh domandi fuq ic-cifri u komplew jiddiskutu c-cifri wahedhom f`kamra tal-ufficcju tieghu. Fuq ir-rendikont, hemm miktuba l-kelma `*beneficiar*y` hdejn ic-cifra ta` £120,000. Hemm ukoll miktub l-ammont ta` £27,616.41 li kiteb Maestro Gatt. Gatt ghamel dik il-kitba ta` £ 27,616.41 meta ghamel kalkolu ta` kemm aktar flus setghu jigu investiti minn Solomon.

Il-konvenut ippreciza li s-somma ta` £100,000 kienet dik li fil-ligi tissejjah *condition precedent* u cioe` li kieku s-somma ma thallsitx, in-negozju fil-progett tal-Metropolis kien jaqa` u ma kienx isehh. Maestro Gatt xehed fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja). Il-proceduri saru *in camera* f`Lulju 2009. Hemm ikkonferma li r-rendikont kien gie diskuss ma` l-attrici u mieghu u kien gie approvat mill-attrici. Il-laqgha fl-ufficcju ta` Ganado & Associates, Old Bakery Street, Valletta, u li ghaliha hemm referenza fil-paragrafu 10 tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu, saret fid-29 ta` Jannar 2009 fl-10 am. Ftakar id-data tal-laqgha peress li dakinhar wara nofsinhar mar Londra fuq xoghol.

Il-konvenut qal li ma kienx minnu dak mistqarr minn Dr Pullicino illi fil-laqgha ta` Jannar 2009 huwa kien qal li habib tieghu ha STG 5000 bhala commission. Lanqas ma kien minnu illi huwa qal li ma hemmx kuntratt ta` self li jittutela lil Solomon. Kif lanqas ma huwa minnu illi huwa qal li sar xi zball f`dan ir-rigward. Kien proprju f`din il-laqgha, li ghaliha kienu prezenti wkoll Dr Ganado u Dr Mc Cormick, li Dr Pullicino kien staqsieh jekk kienx jaf bil-commission li thallset lilu u lil huh Dr Peter Micallef fuq il-progett tal-Metropolis. Jiftakar li Dr Pullicino kien staqsieh dan b`ton aggressiv u billi xejjer subghajh f`wiccu. Ghal dik id-domanda huwa kien irrisponda li ma kien jiftakar xejn dwar ebda commission u li fi kwalsiasi kaz zgur li huwa ma kienx thallas flus f`dak is-sens. Kien informa lil Dr Pullicino li kien ser jivverifika aktar u jibghatlu rendikont. Huwa sostna li ma kellu l-ebda interess jew sehem dirett jew indirett fil-progett Metropolis.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut xehed illi huwa ma jaqbilx li fit-18 ta` Jannar 2005, huwa ghadda pagament ta` STG 100,000 lil Dr Peter Micallef. Ikkonferma li Dr Peter Micallef kien ircieva dik is-somma. Fid-Dok AM2 kien hemm rendikont tal-flus li kienu gew addebitati sa dak il-mument. Fir- rendikont kien hemm identifikati l-STG

100,000. Qal li ma jafx kif Dr Peter Micallef ircieva l-flus. Ikkonferma li kien hu li ta struzzjonijiet lill-accountants Inglizi sabiex jiddebitaw l-account ta` l-attrici fir-rigward ta` dak l-ammont. Ighid li ma jiftakarx li qal lill-accountants x`ghandhom jaghmlu bil-flus jew ghal min huma. Ighid li ma jiftakarx bi precizjoni dak li ghamel ma` l-accountants izda jaf zgur li qalilhom li hemm investment cost ta` STG 100,000 li jrid jigi addebitat mill-kont. Ma jiftakarx jekk kienx infurmahom lil min kellha tigi akkreditata dik is-somma. Ikkonferma li d-destinatarju ta` l-STG 100,000 kien Dr Peter Micallef.

Il-konvenut xehed illi ma jidhirlux li Dr Peter Micallef tah rcevuta ghall-STG 100,000.

Xehed illi Maestro Gatt kien habib ta` l-attrici ; minghajru ma kienet tiehu l-ebda decizjoni. Kien jakkumpanjaha. Il-konvenut qal illi huwa kien iggwida lill-attrici kif tohrog il-flus li kellha f`Barclays Trustees u tpoggihom go kumpanija bl-isem ta` Solomon Investment Assets Limited, liema kumpanija hija nkorporata *offshore* fil-British Virgin Islands. Il-bearer share kienet kustodita mid-ditta ta` l-accountants kontra rcevuta. Spjega li IBC Consulting toffri servizzi ta` amministrazzjoni lill-klijenti ta` natura *corporate* jew *secretarial*. .

Il-konvenut ikkonferma li fil-laqgha ta` Jannar 2009, Dr Pullicino allega li hu u huh kienu hadu commission lill-attrici . F`dak il-mument huwa kien wiegeb illi zgur li ma kien ha l-ebda commission u li ma kienx jiftakar ghax kienu ghaddew erba` snin. L-attrici kienet tmur l-ufficju tieghu b`mod regolari. Wara li kienet giet addebitata s-somma ta` STG 100,000 sa Dicembru 2008, huma qatt ma tkellmu dwar dik is-somma izda tkellmu biss fuq il-Metropolis. Fil-laqgha ta` Frar 2009, issemmiet is-somma ta` STG 100,000. Dr Pullicino kien jaf bil-commission sa minn qabel il-laqgha ta` Jannar. Dr Pullicino kien l-avukat tal-attrici minn Novembru 2008. Ghal-laqgha ta` Jannar,

huwa ma hax ir-rendikont mieghu, peress li ma kienx jaf bi preciz x`kien ser jigi diskuss fil-laqgha.

Il-konvenut xehed illi hu la mmisapproprija ruhu, la nganna u lanqas heba xejn mill-attrici. Fil-laqgha ta` Jannar, issemmiet il-commission izda mhux ic-cifra ta` STG 100,000. L-ishma tal-kumpannija BC Consulting Limited ma kienux f`ismu izda ta` kumpannija. Fir-rendikont li kien preparat minn Rotherham Taylor dwar il-flus ta` Solomon, hemm imnizzel IBC ; dik hija referenza ghal IBC Consulting Limited. Matul is-snin kienu ghaddew diversi ammonti ta` flus. Il-lump sum payment ma ghandux x`jaqsam mal-pagamenti li Rotherham Taylor ghamlu lil IBC. L-attrici qatt ma tkellmet ma` Rotherham Taylor. Hu kien jikteb lilhom fuq struzzjonijiet taghha. Kienet tiffirma l-ittri u tibghathom. Safejn jaf hu, l-accountants qatt ma kkomunikaw verbalment mal-attrici. Huwa kien il-kuntatt ma` Rotherham Taylor.

Kompla jixhed illi Dr Peter Micallef ghandu konoxxenza ta` dawn l-accountants u kien iltaqa` ma` Michael Parton. Dr Peter Micallef ma kienx ikkomunika mal-accountants dwar il-fondi tal-attrici u l-kumpanija Solomon. Fil-laqgha ta` Jannar 2009, meta Dr Pullicino staqsieh dwar il-commission, huwa kien zvijat ghax is-somma ta` STG 100,000 li Dr Pullicino sejjah ‘commission’ kienet proprjament ‘investment cost’ u li kienet imnizzla fir-rendikont li nghata lill-attrici u lil Maestro Gatt f`Marzu 2006. Is-somma giet addebitata biss mill-kont ta` Solomon Investments wara li l-konvenut kellu l-kunsens verbali tal-attrici u mbaghad bil-miktub fl-istatement.

Sostna li huwa stess kien abbozza l-ftehim esebit bhala Dok AM2. Dak id-dokument kien iffirmat mill-attrici quddiemu. Mistoqsi r-raguni ghala fuq l-iskrittura kien hemm biss l-inizjali u mhux il-firma ta` l-attrici, il-konvenut spjega li l-attrici kienet staqsietu jekk tiffirmax in full jew b`inizjali u huwa kien irrisponda li setghet tiffirma kif trid.

Huwa nkarika espert tal-kalligrafija biex jezamina l-firma peress li saret allegazzjoni li dik kienet firma falza ; l-espert ikkonkluda li l-firma hija genwina. Skond Dok AM2, kellu jsir loan agreement ; dan kien esebit fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja). Qal illi Hasan Teoman ma kienx ghaddielu kopja tal-professional indemnity policy tieghu ai termini tal-paragrafu 7 ta` Dok AM2. Saret il-kambjala lill-attrici ai termini tal-paragrafu 14 ta` Dok AM 2. Huwa ma kienx tkellem ma` Teoman dwar il-kambjala. Huwa ma kellu l-ebda dubju dwar Hasan Teoman.

Kompla jixhed illi d-dokumenti ma gewx redatti mill-ewwel fis-sens li l-attrici u l-Maestro Gatt kienu avvicinawh u qalulu li l-attrici riedet tinvesti STG 625,000 flimkien ma` STG 100,000 fuq progett. Kienu qalulu li dan kollu ried isir b`tali mod li isimha ma jidhirx peress li kienet ghaddejja minn proceduri ta` separazzjoni personali ma` zewgha. Huwa kien dam jispjegalhom x`kellu jsir. Kien qalilhom sabiex jiddepozitaw il-flus li jixtiequ jinvestu ma` bank. Il-bank isellef lil terza persuna kontra l-ammont depozitat mill-bank. It-terza persuna taghmel kuntratt ta` self mal-kumpanija ta` Dr Peter Micallef li kellha tinvesti fil-Metropolis b`certi kundizzjonijiet, liema kundizzjoniijet kienu diskussi ukoll. Kien spjegat il-kuntratt li kien ser jirregola r-relazzjoni bejn il-kumpanija ta` l-attrici u t-terza persuna, liema ftehim kien proprju dan il-fiduciary agreement. Kien spjegat il-kuntratt ta` self bejn it-terza persuna u l-kumpanija li fiha kellu jsir l-investiment. Instab bank li jadotta policies fejn l-imghax ma jigix akkreditat lis-somma u lanqas addebitat, izda tigi *charged a fixed fee.* Din il-*fee* kienet ta` xi STG 3000, hija parti mill-STG 5000 li ssemmew waqt il-kawza tal-lum. Il-loan agreement u l-fiduciary agreement kienu jinkorporaw dan l-arrangament kollu u dokumenti kienu thallew fil-pussess ta` Maestro Gatt.

Dwar AVMT Trustees Limited, il-konvenut stqarr li dik kienet kumpannija tieghu. Ikkonferma li Dr Peter Micallef u Maestro Gatt kienu avzawh li s-somma ta` STG

100,000 kienet entry fee premium u mhux commission, ossija investment cost li ma kenitx rekuperabbli. L-investment attwali kien ta` STG 620,000 waqt li l-STG 5000 kienu bank charges u spejjez. Irribadixxa li l-hlas tal-STG 100,000 kien condition precedent ; minghajru n-negozju ma kienx isehh. Ikkonferma li Dr Peter Micallef kellu jiehu 10% tal-profitti tal-Metropolis. Kull ma sar huwa dokumentat u sar bl-akkwiexxenza ta` l-attrici u ta` Maestro Gatt. Il-konvenut sostna li meta giet addebitata s-somma ta` STG 100,000 ma kenitx intalbet *a tempo vergine* firma ta` approvazzjoni minghand il-klijenta peress li skond hu, ma hassx li dan kien necessarju ; huwa nkluda l-ammont fir-rendikont li fih kien hemm anke il-kitba ta` Maestro Gatt.

Il-konvenut cahad li huwa ha xi parti mill-STG 100,000. Huwa ma ha l-ebda vantagg minn dawk il-flus.

Ghar-rigward tal-investiment tal-Metropolis, huwa kien introduca lill-attrici lil Dr Peter Micallef. Maestro Gatt kien diga` jaf lil Dr Peter Micallef. Safejn jaf hu, il-laqghat saru fl-ufficcju ta` Dr Peter Micallef. Ir-rwol tal-konvenut fir-rigward ta` l-attrici kien ta` konsulent legali mentri l-kumpanija tieghu AVMT Trustees kienet trustee ta` trust li kellha l-attrici. L-investiment tal-Metropolis ma kienx jifforma parti minn dak it-trust peress li l-investiment kien ha jsir permezz ta` flus li l-attrici ma xtaqitx tikkonferihom *in trust.* L-attrici kienet ukoll spjegat li xtaqet taghmel investiment fi proprjeta` ; huwa kien qalilhom b`Dr Peter Micallef peress li kien jafdah. Dr Micallef seta` jintroduci lill-attrici mal-persuni li kienu f`dak in-negozju.

Il-konvenut isostni illi huwa sema` bil-progett tal-Metropolis tramite Dr Peter Micallef. Wara li l-attrici, Maestro Gatt u Dr Peter Micallef ftehmu kif ser jahdmu flimkien, kienu spjegati lilu l-kondizzjonijiet ta` l-ftehim l-ewwel minn Dr Micallef u in segwitu mill-attrici u Maestro Gatt. Anke f`dak l-istadju, ir-rwol tieghu baqa` dak ta` konsulent legali. Kien miftiehem premium ta` STG

100,000 li kien ser johodhom Dr Peter Micallef u kien hemm ukoll STG 5000 li kienu spejjez. Huwa sar jaf bit-tqassim tal-premium meta kien infurmat bil-kondizzjonijiet tan-negozju li kien sar. L-attrici kienet taf bil-premium mill-bidu nett. Meta hu kiteb ir-rendikont kien bizzejjed car illi nizzel is-somma ta` STG 625,000 bhala capital investment u STG 100,000 bhala premium jew investment cost. Hekk kien id-diskors mill-bidu nett.

Il-konvenut qal li wara talba mill-attrici stess, Maestro Gatt zamm ir-u kiteb fuqu l-kelma `*beneficiary*`. Dak iz-zmien l-attrici kellha problemi serji ta` separazzjoni personali ma` zewgha u riedet tillikwida l-komunjoni ta` l-akkwisti. Ir-ragel taghha kien il-beneficjarju ta` l-flus ta` Barclays fil-kaz li l-attrici tigi nieqsa. L-attrici ma riditx taghmel lir-ragel taghha aktar ghani milli diga` kien. Hu kien taha parir fis-sens li STG 625,000 investiti jigu mislufa minn kumpannja taghha b`finance mechanism semplici hafna billi l-flus jigu mblokkati ma` bank minghajr ma jkun hemm interessi. Il-flus kellhom jigu investiti savings ma` bank, u l-bank issellef kontra taghhom l-istess ammont. B`hekk il-bank ma kellu exposure ta` xejn ; la jhallas imghax u lanqas l-attrici ma thallas imghax. L-ispejjez ta` STG 5,000 kien jirrapprezentaw l-ispejjez ta` din l-operazzjoni u thallsu minn dawk il-flus.

**<u>Hasan Teoman</u>** xehed illi fil-11 ta` Jannar 2005, huwa rcieva minghand Solomon Investments Assets Limited li hija kumpanija registrata fil-British Virgin Islands bin-numru ta` registrazzjoni 548844 s-somma ta` STG 3,100 rapprezentanti mizata fissa li kienet dovuta annwalment lil Deniz Bank AG ta` Vjenna fl-Awstrija, is-somma ta` STG 1,500 rapprezentanti mizata dovuta lilu u lill-kumpanija T & P Trading and Management Consulting LLP liema mizata kienet dovuta ai termini ta` fiduciary agreement li kien sar ma` Solomon Investments Assets Limited f`Jannar 2005. Apparti l-ammont ta` STG 1,500, hu u l-kumpanija tieghu ma rcevew l-ebda rimunerazzjoni ohra.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**
**<u>(Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2153 tal-Kap 16)</u>**

L-**<u>Art 2153 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

Din l-eccezzjoni baqghet ma gietx rinunzjata ghalkemm fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom il-partijiet ma jaghmlux riferenza ghaliha.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "**<u>Holland noe vs Chetcuti</u>**" – 25 ta` Frar 2000). Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha ta` l-4 ta` Dicembru 1987 fil-kawza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" - "*Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk ilperijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Huwa ukoll principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni (**"<u>Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited</u>"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"<u>Ellul noe vs Vella noe</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, il-Qorti tirrileva li l-ewwel talba hija distinta mit-tieni talba, waqt li t-tielet u r-raba` talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel tnejn. L-ewwel talba hija hekk distinta ghaliex filwaqt li fl-ewwel talba l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenut huwa responsabbli ghar-rifuzjoni favur taghha ta` STG 105,000 ghax kien fiducjarju u *trustee* taghha, fit-tieni talba mbaghad qeghda titlob dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-misapproprijazzjoni ta` dik is-somma kapitali u tal-imghax li akkumula minnha.

Qabel ma tqis jekk l-Art 2153 tal-Kap 16 ighoddx ghall-kaz tal-lum, il-Qorti sejra tittratta l-ewwel l-**Art 2137 tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

Biex ikun stabbilit meta beda ghaddej iz-zmien ghall-fini ta` preskrizzjoni, il-Qorti tghid illi kollox idur mal-kwistjoni meta allegatament l-attrici saret taf li l-STG 105,000 ma kenitx inkluza fl-investiment tal-Metropolis izda thallset – kif tghid hi – bhala *commission* u ghal hlasijiet ohra. Bejn il-partijiet hemm disgwid u konflitt shih fid-dati. Di piu` dak mistqarr mill-partijiet mhuwiex korraborat minn persuni li kienu *al corrente* ta` dak li sar *a tempo vergine* ghaliex ghalkemm dawk il-persuni setghu

tressqu bhala xhieda fil-fatt – ghazla tal-partijiet – baqghu ma tressqux. F`dan l-istadju, il-Qorti qeghda tirreferi ghal Maestro Joseph Gatt u Dr Peter Micallef.

Il-Qorti tirrileva li ladarba fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom il-partijiet ma ghamlux accenn ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wisq anqas ghamlu riferenza ghall-Art 2137 tal-Kap 16. Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f`dak li jkun inghad bil-gurament jew f`dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa` ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b`mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.

Senjalata din il-mankanza, il-Qorti sejra xorta wahda ghall-fini ta` totalita` ta` analizi tqis jekk il-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tghoddx ghall-kaz tal-lum.

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXVII.I.140,** indikat illi tlieta huma x-xorta ta` danni : (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju ; (ii) dawk l-ohra konnessi ma` htija akwiljana, u (iii) dawk dovuti naxxenti minn inadempjenza kontrattwali.

Il-preskrizzjoni skond l-**Art 2153 tal-Kap 16** titlaq mill-premessa li l-attur ikun qieghed jallega htija akwiljana fil-konfront tal-konvenut. Fil-kaz tal-lum huwa evidenti mill-premessi tar-rikors guramentat illi l-azzjoni attrici mhijiex imsejsa fuq fatti u cirkostanzi previsti mill-**Art 1031 u l-Art 1032(1) tal-Kap 16**. Permezz tal-ewwel talba, l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenut li maghha kellu relazzjoni fiducjarja u ta` *trustee*, li allura jfisser li r-responsabilita` nvokata hija dik *ex contractu.* Permezz tat-tieni talba, l-attrici qeghda titlob

dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenut ghal allegata misappropriazzjoni kommessa fil-konfront taghha ; kwindi qeghda tghid illi l-konvenut ikkommetta *delitt* ghad-detriment taghha. Kif dedotti, l-ewwel zewg talbiet u l-konsegwenti zewg talbiet l-ohra ma jistghux jinkwadraw ruhhom fl-ambitu tal-Art 2153 tal-Kap 16.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Generali</u>**

Bhala fatt, il-Qorti tinsab rinfaccjata minn verzjoni – **<u>dik tal-attrici</u>** – li tghid illi hi qatt ma kienet taf illi mill-investiment ta` STG 725,000 li kienet sejra taghmel fil-progett tal-Metropolis, is-somma ta` STG 105,000 kienet destinata li tithallas bhala *premium* u ghal spejjez relatati, kif daqstant iehor ma kenitx taf bir-rendikont Dok AM2. In sostenn ta` dik il-verzjoni, l-attrici ressqet biss bhala xhud lill-avukat taghha Dr Paul Pullicino. Dan tal-ahhar ma seta` qatt jkun jaf x`kienet taf jew x`ma tafx l-attrici fiz-zmien li sehh in-negozju izda li seta` jixhed kien biss dwar dak li gara wara li fegg l-inkwiet bejn il-partijiet. Hemm imbaghad verzjoni l-ohra – **<u>dik tal-konvenut</u>** – li jsostni kemm-il darba li huwa qatt ma missapproprija flus ta` l-attrici ; anzi irribadixxa li l-attrici kienet taf b`dak li kellu jsir mill-STG 105,000, in partikolari illi Dr Peter Micallef – hu l-konvenut – kien sejjer ikun parti attiva fl-investiment tal-Metropolis. Bhala xhud il-konvenut ressaq lil Hasan Teoman.

**Il-Qorti tghid illi l-assjem tal-provi fil-kawza tal-lum huwa kostellat minn <u>provi konfliggenti</u>. Ghalhekk il-kriterji tal-kredibilita` u tal-ahjar prova sejrin ikunu vitali ghal din il-Qorti fl-apprezzament tal-provi. Fl-**

**istess waqt jibqa` bla twegiba l-interrogativ ta` din il-Qorti ghaliex Dr Peter Micallef u Maestro Joseph Gatt – li minghajr dubju ta` xejn kienu fic-centru tal-kwistjoni bejn il-partijiet mill-bidu sal-ahhar u baqghu jissemmew matul il-gbir tal-provi – baqghu ma tressqux bhala xhieda. Mhux bizzejjed - bhala prova ammissibbli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi – illi jinghad dak li setghu xehdu dawn il-persuni fil-procediment quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja). Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra tqis bhala prova dak li setghu xehdu Dr Peter Pullicino u Maestro Joseph Gatt fil-procediment quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja). Dak mistqarr minn persuni ohra dwar dak li setghu xehdu *dawk* iz-zewg persuni f`dak il-procediment jikkostitwixxi *hearsay evidence* u kwindi inammissibbli ladarba z-zewg persuni koncernati setghu ngiebu bhala xhieda – minghajr diffikulta` ta` xejn – fil-kawza tal-lum.**

**Daqstant iehor il-Qorti mhijiex sejra tqis bhala prova d-dokumenti li l-konvenutipprezenta man-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, billi ma kienx awtorizzat mill-Qorti biex jipprezenta provi f`dak l-istadju – u dokumenti huma prova. Ladarba l-gbir tal-provi kien diga` maghluq, il-konvenut ma kellu qatt jipprezenta dokumenti man-nota ta` osservazzjonijiet tieghu.**

**Ikkunsidrat :**

## V. Il-qies tal-provi

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "Farrugia vs Farrugia" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" ipprecizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-*

*bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Aktar ricenti fiz-zmien, precizament fis-26 ta` Settembru 2013, din il-Qorti (**PA/JRM**) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata) kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Dik kienet kawza fejn il-kumpannija attrici kienet qeghda tallega li l-konvenut approprija ruhu indebitament jew dawwar ghall-beneficcju tieghu merkanzija taghha u b`hekk ikkawzalha danni li ghandu jwiegeb ghalihom. Kif diga` rajna, fil-kawza tal-lum, apparti kwistjonijiet ohra, l-attrici qeghda tallega li l-konvenut approprija ruhu minn flusha minghajr jedd u ad insaputa taghha. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu l-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma **rilevanti** ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

*… Illi huwa accettat li biex persuna tista` tinsab responsabbli ghall-hsara li haddiehor ikun garrab bl-eghmil ta` dik il-persuna, m`huwiex mehtieg li l-eghmil wahdu ta` dik il-persuna ikun il-kawza wahdanija tad-dannu mgarrab, ghaliex bizzejjed jintwera s-sehem ta` dik*

*il-persuna bin-negligenza jew bir-rieda taghha biex jintrabat maghha l-piz tar-responsabbilta` ghal dak li jkun gara. Izda biex is-sehem ta` dik il-persuna jnissel il-htija u r-responsabbilta` li tigi maghha, jehtieg jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-ligi) li dik il-htija nisslet id-dannu attwalment imgarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b`mod cert. Ir-rabta tal-kawzalita` hija mehtiega tabilfors ;*

*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil)*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies*

*and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

**1. <u>L-ewwel talba</u>**

Fil-premessa numru hmistax (15) tar-rikors guramentat, l-attrici tghid illi bl-agir tieghu fil-konfront taghha, il-konvenut kiser l-obbligi fiducjarji tieghu bhala avukat u bhala *trustee* taghha bi ksur tal-Art 1124A tal-Kap 16 u tal-Art 21 tal-Kap 331. Ghax, fil-fehma taghha hekk kien il-kaz, l-attrici ghamlet l-ewwel talba.

L-**<u>Art 1124A(1) tal-Kap 16</u>** jaqra hekk –

*Obbligazzjonijiet fiducjarji jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, kwazi kuntratt, trust, assunzjoni ta` kariga jew imgieba fejn persuna (il-"fiducjarju") –*

*(a) ikollha d-dmir li thares l-interessi ta` persuna ohra, jew*

*(b) izzomm, tezercita kontroll jew ikollha setghat ta` disponiment fuq proprjetà ghall-beneficcju ta` persuna ohra, inkluz meta din tkun vestita bhala sid ta` dik il-proprjetà ghal dan l-ghan, jew*

*(c) tircievi taghrif minghand persuna ohra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fic-cirkostanzi kollha b`mod ragonevoli ghandha tkun taf, li l-uzu ta` dak it-taghrif huwa intiz li jkun ristrett.*

Fiducjarju ghandu l-obbligu li jzomm u jittratta taghrif li jircievi b`mod kunfidenzjali. Ghandu d-dmir ta` lealta` fl-amministrazzjoni. Ghandu d-dover li jhares l-interessi tal-persuna li tkun tatu l-inkariku. Ghandu jiehu hsieb b`onesta` u b`kontabilita` l-affarijiet ta` min ikun tah l-inkariku. Ghandu jezercita d-diligenza ta` *bonus pater familias* fit-twettieq ta` l-obbligazzjonijiet tieghu. M`ghandux ikollu konflitti ta` interess, ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta` min tah l-inkkariku u m`ghandux jircievi profitt mhux awtorizzat.

It-tesi tal-konvenut hija li huwa r-rwol tieghu fil-kwistjoni kollha kienet dik ta` avukat u agixxa fil-parametri ta` dak ir-rwol. Il-konvenut jeccepixxi illi huwa ma kienx *trustee* tal-attrici u ghalhekk qatt ma nholqot obbligazzjoni fiducjarja kif definita mill-Art 1124A tal-Kap 16.

**Il-Qorti tinnota li l-Art 1124A kien introdott fil-Kap 16 bis-sahha tal-Att XIII ta` l-2004 u dahal fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2005.**

Il-konvenut ma seta` qatt jassumi obbligi fiducjarji fis-sens tal-Art 1124A tal-Kap 16 billi l-attrici nkarikat lill-konvenut bhala avukat taghha fl-2003 u n-negozju dwar l-investment ta` STG 725,000 sar fit-12 ta` Awissu 2004. Li jfisser illi fiz-zewg kazi l-Art 1124A tal-Kap 16 ma kienx ghadu fis-sehh u kwindi l-attrici ma tistax tirrinfaccja lill-

konvenut bi ksur ta` obbligi li l-konvenut ma kellux skond id-disposizzjoni li l-attrici qeghda ticcita.

Il-konvenut ma jistax jitqies illi nhatar jew agixxa bhala *trustee* tal-attrici.

Il-Qorti tirrileva wkoll li d-Dok AM1 b`ebda mod ma johloq relazzjoni guridika mal-konvenut *de proprio*.

L-attrici tirreferi wkoll ghall-**<u>Art 21</u>** tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* (Kap 331) li jittratta d-dmirijiet ta` *trustees.* It-*trustee* ghar-rigward ta` propjeta` huwa definit bhala "*l-persuna jew il-persuni li f`idejhom ikollhom jew li fihom il-proprjetà tkun vestita skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att jew li xort`ohra jkunu meqjusa bhala trustee"* skond l-Att.

Il-Qorti m`ghandhiex provi sodisfacjenti li juru li l-konvenut kien *trustee* tal-attrici. Abbazi tad-dokumenti esebiti, jirrizulta li t-*trustee* kienet is-socjeta` AVMT (Trustees) Ltd. Irrizulta inoltre li s-somma ta` STG 105,000, li hija mertu ta` din il-kawza, ma marritx ghand dik is-socjeta` peress illi l-ammont intuza (u dwar dan hemm qbil) in kwantu ghal STG 5000 sabiex thallsu spejjez relatati ma` l-investiment ta` STG 625,000 fosthom bank charges u fiduciary fees, filwaqt illi STG 100,000 kien hlas patwit bhala `*condition precedent*` jew `*premium*`. Il-Qorti ma tistax tqis lill-konvenut bhala *trustee* u kwindi ma jistax jigi mputat lilu ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 331.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel talba**.

**2. <u>It-tieni talba</u>**

Fit-tieni talba, l-attrici qeghda tixli lill-konvenut b`misappropprijazzjoni tal-ammont ta` STG 105,000 u ghalhekk qeghda titlob dikjarazzjoni f`dak is-sens.

Il-Qorti gharbel b`reqqa l-provi li tressqu, u rathom fl-assjem. Il-Qorti mhijiex konvinta li l-attrici ghamlet il-prova li fuqha hija qeghda tibbaza t-tieni talba.

Mill-provi hareg illi l-attrici riedet taghmel l-investiment tal-Metropolis b`mod li zzomm dak in-negozju barra ghal kollox mill-possibilita` ta` influwenza jew kontroll, dirett jew indirett, ta` zewgha li minnu kienet qeghda tinfired. Kien ghalhekk li kien ikkonsultat lill-konvenut. It-twettieq ta` dak li riedet taghmel l-attrici kien jinvolvi li c-caqlieq tal-flus isir b`mod kompless hafna bl-involviment ta` kumpanniji registrati go Malta u ta` ohrajn registrati barra minn Malta, sabiex kemm jista` jkun tkun difficli t-traccjabilita` tal-perkors tal-flus.

Ir-rwol tal-konvenut kien dak ta` konsulent legali anke jekk fil-kors tan-negozju kienet involuta kumpannija fejn il-konvenut kellu sehem u anke kien involut hu l-konvenut Dr Peter Micallef. Eppure ma hemmx il-prova tal-konflitt ta` interess fil-konvenut b`tali mod li jdawwar flus l-attrici favur tieghu jew favur haddiehor bil-mohbi tal-attrici. Sabiex tistabilixxi l-fondatezza o meno tat-tieni talba, mhuwiex il-kaz li l-Qorti tizen l-affidabilita` tal-konvenut bl-istharrig ta` jekk, vis-a-vis dak li ghamel Dr Peter Micallef, il-konvenut marx oltre l-kompitu li kellu u cioe` dak ta` avukat. Li trid tistabilixxi huwa jekk il-konvenut xjentement dawwarx favur tieghu jew favur haddiehor l-STG 105,000 jew parti minnhom.

Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma tirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi. Id-dokumenti esebiti u imputabbli lill-konvenut kollha juru li l-investiment li kellu jsir, kif kellu jsir, l-ammont li kellu jigi attwalment investit u l-ammont li kellu jithallas bhala accessorju ghal dak l-investiment kien stipulati mill-bidu nett u l-attrici kienet taf bihom. Il-Qorti

tinsisti li l-kwistjoni mhijiex huwiex sewwa inkella le li thallset il-figura ta` STG 105,000 bhala *condition precedent* u spejjez fuq investment reali ta` STG 620,000. Li huwa rilevanti huwa jekk l-attrici kenitx taf b`dak il-*cost factor* qabel bdiet iddur ir-rota tal-investiment.

L-assjem tal-provi huwa ndikattiv illi kienet taf. Il-Qorti mhijiex konvinta bis-sorpriza tal-attrici u li skattat il-proceduri kontra l-konvenut ghaliex ma kienx qieghed jaghtiha sodisfazzjon ghall-kwesiti taghha. L-iskuza tal-attrici kienet illi dokumenti ma kellhiex fil-pussess taghha ; dik il-possibilita` pero` b`ebda mod ma tagevola s-sitwazzjoni taghha jew timmitiga l-oneru tal-prova li kien jinkombi lilha. Ladarba tghid illi l-konvenut hallieha sprovvista minn dokumenti, kien vitali u ta` massima importanza ghaliha li ggib bhala xhieda lil dawk il-persuni principalment Maestro Joseph Gatt u Dr Peter Micallef li kienu jkunu f`qaghda li jsostnu kliemha. Minn dan kollu ma ghamlet xejn izda strahet fuq it-testimonjanza skjetta ghalkemm xotta ghall-ahhar taghha, u fuq ix-xiehda ta` Dr Paul Pullicino li kienet biss *ex post facto.*

Jibqa` bla twegiba li taghmel sens il-kwesit tal-Qorti ghala Maestro Gatt u Dr Micallef xehdu fil-procediment *in camera* quddiem il-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), imbaghad fil-kawza tal-lum, li naturalment instemghet fil-miftuh, il-Qorti mank rat id-dell ta` dawn iz-zewg xhieda, ahseb u ara kemm inghatat l-opportunita` li tisma` dak li huma kellhom xi jghidu. Il-Qorti tibqa` tal-fehma li bil-provi li l-attrici ghazlet li ggib, il-Qorti ma ssibx sussistenza fit-tieni talba. Il-Qorti tibqa` tinsisti li sa mir-risposta guramentata dettaljata tieghu, il-konvenut ha posizzjoni cara u univoka dwar il-fatt illi Maestro Gatt li kien jassisti attivament u *di prima persona* lill-attrici u kien jaf b`kollox. L-attrici ghazlet minflok li tibqa` ghaddejja u tiskarta ghal kollox ic-cans li ttella` bhala xhieda lil persuni li certament kienu jkunu determinanti f`li jghidu – naha jew ohra.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni talba**.

**3. <u>It-tielet u r-raba` talbiet</u>**

**Respinti l-ewwel u t-tieni talbiet, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ukoll it-tielet u r-raba` talbiet billi dawn huma konsegwenzjali ghall-ewwel tnejn li kienu ta` natura dikjaratorja.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-attrici, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------